**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 112/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Renald Barbara**
**(ID 129981(M))**

**Illum, 1 ta’ Awwissu 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Renald Barbara ta’ 35 sena, iben Paul u Vincenza nee` Fenech, imwieled il-Pieta` nhar il-25 ta’ Frar 1981, residenti gewwa l-fond numru 29, Triq ir-Repubblika, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 129981(M);

Akkuzat talli nhar it-8 ta’ April 2016 gewwa l-Marsa u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi,

Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif

sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4) U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu jmissu lill-akkuzati [akkuzat] jew huma proprjeta` taghhom [tieghu], kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati [akkuzat] milli jittrasferixxu [jittrasferixxi] jew xort'ohra jiddisponu [jiddisponi] minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi ghalkemm waqt l-ezami tieghu skont il-ligi, l-imputat wiegeb li mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, madankollu, fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2016, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

In kwantu l-piena li ghandha tigi nflitta f'dan il-kaz, semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar l-istess;

Rat ukoll illi din il-kawza giet rikjamata ghal-lum stess sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat li hija wahda tassew refrattarja u tinkludi kundanni dwar diversi reati, fosthom reati taht il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, serq semplici u aggravat f'diversi okkazzjonijiet, pussess semplici tad-droga ukoll f'diversi okkazzjonijiet, kif ukoll traffikar ta' droga eroina, varji reati kontravvenzjonali, falsifikazzjoni ta' dokumenti, griehi ta' natura hafifa, reati taht l-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hsara volontarja u *raggion fattasi*, dwar liema l-imputat inghata Ordni ta' *Probation* diversi drabi, liberazzjoni kundizzjonata, pieni pekunjarji, sentenza ta' prigunerija sospiza u diversi sentenzi ta' prigunerija effettiva. Ricentement, permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta' Gunju 2018, l-imputat gie kkundannat dwar serq aggravat kommess minnu f'Marzu 2018, kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, imposti fuqu permezz ta' zewg digrieti, wiehed ta' din il-Qorti kif diversament preseduta u iehor ta' din il-Qorti kif preseduta, liema digriet gie moghti proprju fil-kawza odjerna. Tqis ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 u dan fid-dawl tas-sentenzi esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri.

Qieset ukoll in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghal dan il-kaz ossia illi wara informazzjoni illi l-imputat kien qed ibiegh id-droga, nhar it-8 ta' April 2016, fil-kors ta' operazzjoni mill-Iskwadra kontra d-Droga mmexxija mill-Ispettur Gabriel Micallef, minn garaxx fi blokka ta' garaxxijiet gewwa Triq il-Gerrejja, Marsa, l-istess imputat forna lill-Ispettur imsemmi b'qartas eroina ghall-prezz ta' €10 mit-trapna tal-bieb tal-istess garaxx, wara li dan talbu "*wiehed ta' 10*". Hekk kif l-imputat induna bl-ufficjali tal-pulizija, u fil-waqt illi dawn tal-ahhar ippruvaw jillevaw il-bieb tal-hadid tal-istess garaxx, huma semghu l-hoss ta' *flushing* ta' *toilet* gewwa l-istess garaxx. Meta l-imputat eventwalment fetah il-bieb tal-garaxx, minn tfittxija li saret fl-istess, instabu zewg pakketti bi trab abjad suspettat kokaina (u skont ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut jirrizulta li dan kellu piz totali ta' 0.46 grammi), kif ukoll diversi siringi wzati. Sussegwentement, infethet it-tappiera tad-dranagg tal-istess garaxx, fejn instabu diversi boroz zghar. B'kollox ingabru 69 borza zghira – 49 minnhom bi trab abjad u 20 bi trab kannella, kif ukoll is-somma ta' €220 fi flus

kontanti, kif ukoll in-nota ta' €10 li permezz taghha l-Ispettur Micallef xtara l-qartas eroina fuq imsemmi, ghalkemm kemm xi flus, kif ukoll xi boroz li kien hemm, ma gewx irkuprati ghaliex imxew mal-ilma.

Qieset ukoll ir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut mil-liema jirrizulta illi l-piz tat-trab ta' qartas wiehed li kien fih trab ta' lewn kannella (ossia l-qartas li nghata mill-imputat lill-Ispettur Micallef) kien ta' 0.10 grammi, fil-waqt illi piz taz-zewg qratas b'sustanza ta' lewn bajda (ossia l-qratas li nstabu fil-garaxx) kien ta' 0.46 grammi (wiehed f'piz ta' 0.18 grammi u iehor f'piz ta' 0.28 grammi). Skont l-istess rapport, kien hemm ukoll ghoxrin qartas b'sustanza ta' lewn skura, b'piz medju ta' 0.10 grammi ghal kull qartas u ghalhekk total ta' 2 grammi. Fi kliem l-istess espert, stante illi dawn gew elevati mid-dranagg u allura kienu xxarbbu, dan il-piz jista' ma jirriflettix il-piz reali. Kien hemm ukoll 49-il bicca tal-plastik. Skont l-espert, f'dan id-dokument kien hemm biss bicciet tal-plastik minghajr sustanza, izda fi kliemu, stante illi dawn ukoll kienu elevati mid-dranagg, huwa ma setax jeskludi l-fatt li seta' kien hemm xi sustanza li sussegwentement inhallet. Effettivament f'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija prezenti fuq il-post illi kkonfermaw illi dawn il-boroz kienu jikkontjenu trab ta' lewn abjad. Irid jinghad ukoll illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2016, id-difiza ddikjarat illi anke in vista tal-ammissjoni tal-imputat, m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi s-sustanza (esebita) hija eroina u kokaina. Ghalhekk f'dak l-istadju gie deciz, anke sabiex jigu evitati spejjez inutli, illi l-espert mahtur kellu jindika biss il-pizijiet tas-sustanzi in kwistjoni.

Il-Qorti qieset ukoll ghal finijiet ta' piena, il-*Pre-Sentencing Report* li gie redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Mary Anne Zammit fil-konfront tal-imputat, mil-liema jirrizulta illi problema sinjifikanti fil-hajja tal-imputat hija dik tal-abbuz tad-droga, li ilha ghaddejja snin twal. Jidher illi din il-problema bdiet minn zmien l-adoloxxenza tal-imputat u baqghet persistenti f'hajtu, b'konsegwenza ta' liema l-imputat ikkommetta diversi reati. Jirrizulta fil-fatt illi l-ewwel kuntatt li huwa ghamel mas-*Substance Misuse Outpatient Unit* imur lura ghal Dicembru 1997. Ghalkemm huwa ghamel diversi sforzi sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u ghal dan il-ghan segwa diversi programmi ta' rijabilitazzjoni bosta drabi, huwa baqa' xorta wahda jabbuza mid-droga, tant illi sad-data ta' dan ir-rapport fil-fatt huwa kien ghadu jabbuza mid-droga. Jirrizulta mill-istess rapport illi l-imputat dahal gewwa programm fi hdan il-Fondazzjoni OASI bejn Mejju u Gunju 2000, ghamel kuntatt mal-Agenzija Caritas fis-sena 2006, f'Novembru 2009 dahal gewwa programm fil-*Prisoners Inmate Programme* izda f'Dicembru 2010 mar lura gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minn Jannar sa Ottubru 2011 segwa l-*Evening Programme*, fis-sena 2013 dahal gewwa l-*Harm Reduction Shelter* izda telaq wara

gimgha, dahal fil-Komunita` ta’ Santa Marija f’Gunju 2015, izda fi Frar 2016 gie sospiz stante li rega’ beda jabbuza mid-droga, f’Mejju 2016 talab li jidhol fl-ASU izda wera nuqqas ta’ inkonsistenza u ma zammx kuntatt regolari u ghalhekk il-kaz gie maghluq wara li ommu infurmat lill-Agenzija Sedqa illi kien fittex l-ghajnuna ta’ agenzija ohra, rega’ ghamel kuntatt mal-*Community Services* tal-Caritas f’Ottubru 2016 u attenda ghal tliet sessjonijiet f’Ottubru u Novembru 2016. Jirrizulta wkoll mill-istess rapport (kif ukoll mill-fedina penali tieghu) illi l-imputat inghata Ordni ta’ *Probation* diversi drabi mill-Qrati u ghalkemm attenda b’mod regolari gewwa d-Dipartiment tal-*Probation*, il-problema predominanti kienet dejjem dik tal-abbuz tad-droga. In oltre skont l-istess rapport, kien hemm perjodi fil-hajja tal-imputat li fihom huwa kien qed ikun impulsiv u aggressiv wara kunflitti li kellu ma’ ommu. Fiz-zmien tar-rapport, huwa kien jinsab f’relazzjoni u kellu tifel ta’ sena.

Skont l-istess Ufficjal tal-*Probation*, jidher illi l-imputat baqa’ dejjem jirrepeti l-istess zbalji ghal tul ta’ zmien u dan dejjem in konnessjoni mal-abbuz tad-droga. F’dan il-kuntest, il-Qorti tinnota illi dan huwa wkoll evidenti mis-sentenza ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta’ Gunju 2018, imsemmija izjed ‘il fuq. Hija tghid illi l-imputat ghandu jfittex li jindirizza b’mod konsistenti u aktar serju din il-problema, kif ukoll illi jindirizza t-temperament tieghu u ghal dan il-ghan ghandu jinghata ghajnuna psikologika sabiex ikun jista’ jindirizza l-problema tal-aggressivita` u kull ghajnuna possibbli sabiex jindirizza l-problema tad-droga. Ghaldaqstant, hija rrakkomandat illi fil-waqt illi l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja, matul dan il-perjodu huwa ghandu jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta’ rijabilitazzjoni kontra t-tehid tad-droga, kif ukoll jindirizza l-problemi ta’ mgieba li qed ikunu ta’ xkiel f’hajtu.

Il-Qorti tinnota illi fis-sentenza tal-4 ta’ Gunju 2018, fuq imsemmija, din il-Qorti kif diversament preseduta inghatat l-istess rakkomandazzjonijiet mill-Ufficjal tal-*Probation*, u gie rakkomandat ukoll illi huwa jitqieghed ukoll taht Ordni ta’ Trattament sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika fuq imsemmija. Effettivament permezz ta’ dik is-sentenza, huwa gie kkundannat ghal piena ta’ prigunerija u nghata Ordni ta’ Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena ta’ multa tassattiva applikabbli ghall-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet.

Qieset ukoll illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni talbet l-iffrizar tal-assi tal-imputat ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba giet milqugha, biss il-Prosekuzzjoni baqghet ma talbitx il-konfiska tal-flejjes jew proprjeta` mobbli ohra u proprjeta` immobbli tal-imputat, kif mehtieg fit-termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli fil-kaz tar-reati li dwarhom l-imputat odjern qieghed jinstab hati. Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, il-Qorti m'hijiex qeghda tordna tali konfiska.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b), 17(f), 17(h), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija effettiva - li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati b'din is-sentenza – u piena ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut fis-somma ta' mija u hdax il-ewro, wiehed u disghin centezmu (€111.91) u tas-*Scene of the Crime Officer* PS 637 Kevin Manicolo, fis-somma ta' erbgha u hamsin ewro, tmienja u sittin centezmu (€54.68), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u sittin ewro, disgha u hamsin centezmu (€166.59). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-flus kontanti fis-somma komplessiva ta' mitejn u tletin ewro (€230) esebiti bhala Dokument GM 6 favur il-Gvern ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti relatati mal-uzu tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu

jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, inkluz billi jinghata l-opportunita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Tordna ghal dan il-ghan illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat